Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell nru. 100/2008/1

**Matthew Psaila (appellat)**

**Vs**

**Speedy Pitstop Company Limited (appellanti)**

Il-Gimgha, 24 ta' Gunju 2016.

Permezz ta' avviz ta' talba prezentat fit-Tribunal ghal Talbiet Zghar, l-attur allega li sofra danni fil-vettura tieghu GBN-156 wara li xtara *fuel* ghall-vettura minghand il-konvenuta, u liema *fuel* allega li kien imhallat bl-ilma.

Permezz ta' risposta, l-kumpannija intimata wiegbet illi kienet qed tirrespingi kull responsabilta' ghad-danni allegati u illi l-attur kellu jipprova d-danni allegati, u illi inoltre' d-danni reklamati kienu esagerati.

B'sentenza tat-30 ta' Jannar 2013, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar laqa' t-talba tal-attur u kkundanna lill-konvenuta thallsu s-somma ta' elf hames mija u tlett ewro u hames centezmi (€1,503.05), bl-imghax legali mid-data tas-sentenza.

Illi l-kumpannija intimata appellat minn din is-sentenza u semmiet:

Illi l-aggravju tal-kumpannija appellanta huwa illi kif ghandu jirrizulta mill-provi, l-attur naqas li jipprova illi l-*fuel* li qed jilmenta minnu u li allegatament ikkawzalu l-hsara fil-vettura, kien dak mixtri mill-kumpannija intimata. Ghall-kuntrarju kien stqarr li dakinhar li xtara l-*fuel* kellu diga' *fuel* iehor fil-vettura, stante li mela t-tank tal-petrol, u filwaqt illi t-tank tieghu kien jiehu b'Lm35 *fuel*, dakinhar kien mela biss b'kemm jiswa Lm15 *fuel*. Mela mill-bidu, l-attur wera illi kellu diga' *fuel* iehor fil-vettura li seta' kien dak illi kkawza l-hsara, jekk qatt wara kollox il-hsara kienet ikkawzata mill-*fuel;*

Illi l-attur kien indika certi persuni ohra illi kien gralhom l-istess fil-karozza taghhom, izda dawn il-persuni ma pproducihomx bhala xhieda;

Illi di piu' l-attur ipproduca bhala xhud lil certu Etienne Ellul, *technician* ma' Auto Sales Ltd., li lanqas ma pprova b'mod konvincenti illi l-hsara allegata mill-attur kienet dovuta ghal fuel hazin. Illi t-Tribunal stess kkummenta fuq l-*invoices* ta' l-istess Auto Sales a fol. 38 fis-sens li qal li dan id-dokument fih hafna zbalji, izda 'jidher' li jispjega dak li gara fil-karozza ta' l-attur. Illi

dokument bhal dan li kien fih zbalji fid-dati kif accennat mit-Tribunal ma kellux jitqies b'importanza kbira mit-Tribunal.

Illi fuq kollox ir-rapprezentant tal-kumpannija intimata, Mario Fenech xehed dwar kif ma jista' jkun qatt illi l-attur ha *fuel* bl-ilma, ghaliex it-tank tal-pompa tal-*fuel* tieghu huwa maghmul b'tali mod illi l-ilma jibqa' kollu fil-qiegh, filwaqt illi l-lok minn fejn jingibed il-*fuel* huwa 'il fuq mill-post fejn ikun jinsab l-ilma, u dan propju biex il-*fuel* li jingibed ma jkunx imhallat bl-ilma. In sostenn ta' dan, giet anke esebita *sample* ta' *fuel* imhallat bl-ilma, biex it-Tribunal seta' jivverifika illi fil-fatt, minkejja illi l-*fuel* meta jithallat bl-ilma jista' jsir haga wahda, wara biss ftit sekondi dawn iz-zewg likwidi jibdew jiddistingwu ruhhom minn xulxin u l-*fuel* jifforma strat separat ghalih fuq l-istrat ta' l-ilma. Illi in sostenn ta' dan ukoll, il-kumpannija appellanti kienet esebiet *records* tal-bejgh li kellha fil-jiem precedenti, minn fejn irrizulta illi kellha bejgh sostanzjali, u li l-*fuel* kellu l-opportunita' kollha li jistabbilizza ruhu li kieku verament, u dan minghajr pregudizju ghal fuq espost, kien hemm xi ilma mhallat mal-*fuel.* Inghad ukoll illi t-tiswija ghall-hsara li kien qed jallega l-attur appellat saret gimghat wara li allegatament ha *fuel* ikkontaminat minghand il-kumpannija appellanti;

Illi l-attur appellat, permezz ta' risposta (datata 17 ta' Frar, 2014), wiegeb illi l-apprezzament tal-provi tat-Tribunal ma holoq ebda ingustizzja fil-konfront tal-kumpannija appellanti;

Illi l-argumenti tal-kumpannija appellanti ma jreggux stante li kif irrizulta mill-provi fil-pompa tal-*fuel* tal-kumpannija appellanti kien instab l-ilma u liema fatt is-socjeta' appellanti qatt ma cahditu. Illi l-kumpannija appellanti tallega li l-attur ma kienx kapaci jipprova li l-vettura tieghu thassret minnhabba li l-*fuel* kellu l-ilma, izda dan m'huwiex il-kaz hekk kif irrizulta mill-*invoices* ezebiti u mix-xhieda ta' Etienne Ellul li jahdem ma' *Auto Sales Limited;*

Illi fir-rigward ta' l-*invoices*, it-Tribunal fil-fatt jirrikonoxxi li hemm l-izbalji fl-*invoice*, izda kkonkluda li dawn l-izbalji negligibbli ma jaffettwax il-prova li l-vettura ta' l-attur thassret minhabba li l-*fuel* kellu l-ilma. Illi skont il-kumpannija appellanti huwa normali li jinstab l-ilma fil-hazna taz-zejt, izda dan m'huwiex minnu ghaliex mix-xhieda ta' Joseph Camilleri u mix-xhieda ta' Antoine Izzo (datati 3 ta' Marzu, 2009) irrizulta li huwa rari li jkun hemm rapporti ta' ilma fil-*fuel tanks* tal-*petrol station*, hlief meta tkun ix-xita, u li meta jinstab l-ilma dejjem jaghtu l-parir li tali ilma jrid jitnehha u mhux jibqa' fil-pompa bhal kif kienet ghamlet il-kumpannija appellanti;

Illi, bir-rispett kollu, hemm differenza kbira bejn dak li jigri f'tank kbir tal-*fuel* b'certu mekkanizmu u dak li jigri f'*container* zghir bl-ilma u biz-zejt. Illi di piu', kif ben irrikonoxxa t-Tribunal, il-kumpannija intimata kienet naqqset milli tipprova meta kien l-ahhar li mtela l-*istorage* tal-pompa mill-*bowzer;*

Illi ghal rigward tat-tiswija tal-vettura illi din damet biex tissewwa gimghat wara li l-attur kien ha l-*fuel* kontaminat, l-attur appellat wiegeb illi hekk kif il-

vettura ma riditx tixghel hadha ghat-tiswija immedjatament u li damet ghand is-socjeta' Auto Sales Limited ghal xi tlett gimghat biss minhabba l-fatt li s-socjeta' Auto Sales Limited kellha tordna l-*parts.* Illi ma kienx b'kumbinazzjoni li thassret il-magna tal-vettura ta' l-attur fl-istess hin li nstab li kien hemm l-ilma fil-pompa tal-*fuel* tal-kumpannija appellanti, liema pompa kien ha l-*fuel* minnha u dan ghalhekk juri bic-car li hemm in-ness bejn id-dannu soffert mill-attur u n-nuqqas da parti tal-kumpannija appellanti li ghalhekk jirrizulta fir-responsabilita' taghha;

Illi ghalhekk jirrizulta ampjament li r-*ratio decidendi* tat-Tribunal kien wiehed razzjonali, logiku, prevedibbli u ghal kollox konsegwenzjali ghal provi prodotti quddiemu;

Il-qorti semghet il-provi u rat l-atti u tosserva:

1. Irrizulta bl-iktar mod car li l-hsara fil-vettura tal-attur zviluppat hekk kif xtara d-diesel minghand is-socjeta attrici. Fil-fatt l-attur spjega kif kien dakinhar stess li wara li tefa' l-karozza u mbaghad rega' mar biex juzaha, dawwar ic-cavetta izda l-magna ma qabditx. Ix-xhud qal ukoll li qabel xtara d-diesel minghad il-konvenuta, l-ahhar li kien xtara diesel kien xi gimgha qabel (seduta tat-18 ta' Mejju 2016). Meta xehed fis-seduta tat-3 ta' Marzu 2009, qal li meta xtara d-diesel minghand il-konvenuta, *"... nghid illi kont wasalt fl-ahhar u kien ghalhekk illi jiena mort nimla l-karozza."* (fol. 51). Fatt li jitwemmen meta tqies li meta l-attur xtara d-diesel minghand il-konvenuta, hallas is-somma ta' €81.53.

2. Etienne Ellul, mekkanik ta' Auto Sales Ltd xehed li ghamel it-tiswija fil-vettura tal-attur u li fit-tank tal-fuel tal-vettura nstab l-ilma. Quddiem din il-qorti xehed: *"Meta hadna s-sample u poggejnih f'container* ***mill-ewwel*** *indunajna li hemm l-ilma mhallat mal-fuel ghax l-ilma jibqa' fil-qiegh mentri l-fuel jitla' fil-wicc tal-container."* (seduta tat-18 ta' Mejju 2016). Kompla jghid: *"Madankollu ahna ma noqghodux fuq dak li naraw biss. Is-sample xorta wahda jintbaghat l-Enemalta. Is-sample intbaghat u kien jikkonferma illi hemm ilma mhallat mad-diesel. Battalna t-tank tal-fuel u naddafna l-pajpijiet. Kellna nbiddlu l-injectors tal-magna. Dan ghax saritilhom l-hsara peress li kellek fuel u ilma mhalltin. Ix-xoghol kollu jien ghamiltu. Biddilnilu anke l-fuel filter….* ***Nikkonferma li x-xoghol kollu li ghamilt fuq il-vettura kien xoghol relatat mal-fatt li fil-fuel tank kien hemm ilma mad-diesel."***

3. Minn rapport tal-Enemalta, datata 24 ta' Ottubru 2007, jirrizulta li saret spezzjoni ghand is-socjeta konvenuta u fil-qiegh tat-tank tad-diesel instab l-ilma (*'a depth of around one and a half inches of water was found'*). L-istess gara fi spezzjoni ohra li saret fit-22 ta' Ottubru 2007, pero' din id-darba kien hemm gholi ta' tlett kwarti ta' pulzier (fol. 27). Ghalkemm Mario Fenech, direttur tas-socjeta konvenuta, qal li l-ilma nstab fil-qiegh tat-tank u ghalhekk ma setax jithallat mad-diesel li xtara

l-attur, pero' dak kien l-istat ta' fatt fil-gurnata meta saret l-ispezzjoni mill-ispetturi tal-Enemalta u mhux fil-gurnata meta xtara d-diesel l-attur. Dan ix-xhud ukoll qal li kien ser jipprezenta dokumenti li kellhom juru meta fil-fatt kien l-ahhar darba li intefa' diesel fit-tank li minnu nghata diesel lill-vettura tal-attur (seduta tat-18 ta' Mejju 2010). Pero' ma jirrizultax li pprezenta dik il-prova.

4. Ghal dak li jirrigwarda l-kont li harget Auto Sales Ltd, bla dubju fih dettalji li m'humiex korretti. Hekk per ezempju d-data Delivery date hi 25 ta' Settembru 2009. Mill-provi rrizulta li d-diesel inxtara matul ix-xahar ta' Ottubru 2009, u kien fl-istess xahar li l-vettura ddahhlet fil-garaxx ta' Auto Sales Ltd sabiex issir it-tiswija. Pero l-izbalji li hemm u li t-Tribunal irrefera ghalihom, m'huma tal-ebda konsegwenza fuq il-meritu tal-kawza hlief ghal fatt li l-attur effettivament hallas is-somma ta' €1,504.24 ghat-tiswija tal-hsara.

Wara li l-qorti qieset il-provi, hi tal-fehma li t-Tribunal kien gustifikat li jilqa' t-talba tal-attur. Hu minnu li r-rapprezentant tal-ilma xehed, *"Nerga' nghid illi fl-istess perjodu meta ghamel il-complaint tieghu l-attur, ahna ma rcevjniex complaints ohra."* (fol. 56). Pero' jibqa' l-fatt li:

(a) Il-hsara fil-vettura tal-attur kienet minhabba l-presenza ta' ilma fil-*fuel tank* tal-vettura;
(b) Il-hsara fil-vettura tal-attur zviluppat dakinhar stess wara li xtara l-fuel minghand il-konvenuta.

Fir-rikors tal-appell, l-appellanti argumentat li t-tiswija saret gimghat wara l-allegat akkadut. Kompliet tghid: *"x'kienet ir-ragunijiet illi l-attur halla gimghat shah qabel ma giet irrangata l-vettura tieghu ? Dan seta' kien ta' dannu akbar ghall-vettura?"* Domandi li huma ghal kollox irrilevanti in kwantu l-qorti tiddeciedi fuq provi u mhux supposizzjonijiet. L-appellanti kompliet tghid: *"Bil-fatt illi l-attur ippermetta li t-tiswijiet idumu ma jsiru, hemm certu element ta' kontributorjeta' anke ghad-danni li allegatament gew lilu kkawzati, u huwa dan li qed tindirizza l-eccezzjoni tas-socjeta konvenuta fis-sens li d-danni reklamati huma ezagerati."* Il-qorti tosserva:

i. Mhuwiex ragonevoli li wiehed jippretendi li t-tiswija ssir minnufih.
ii. M'hemmx prova li l-fatt li t-tiswija ma saritx minnufih, zdiedet il-hsara. Fatt ferm improbabbli gialadarba l-vettura ma kinitx qeghda tintuza.
iii. M'hemm l-ebda ndikazzjoni li d-danni li talab l-attur huma ezagerati. L-attur ha l-vettura ghat-tiswija u hallas dak li talbuh.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellanti.**

Anthony Ellul.